



Brussell, 16 ta' April 2021
(OR. en)

7914/21

COASI 58	COMPET 255
ASIE 18	EDUC 124
CFSP/PESC 379	RECH 156
WTO 109	CULT 25
TRANS 215	RELEX 326
ENER 121	OCDE 8
ENV 233	CCG 23
CLIMA 77	AVIATION 83
COHAFA 35	FIN 297
DIGIT 47	FISC 63
MARE 10	TOUR 23
COEST 92	MIGR 70
ASEM 6	COVID-19 153
CYBER 99	ATALANTA 9
DEVGEN 74	EUMC 77
SUSTDEV 42	COPS 142
ECOFIN 350	

EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	16 ta' April 2021
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 7695/21 + COR1	
Suġġett:	Strateġija tal-UE għall-kooperazzjoni fl-Indo-Paċifiku - Konklużjonijiet tal-Kunsill (16 ta' April 2021)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Strateġija tal-UE għall-kooperazzjoni fl-Indo-Paċifiku, approvati permezz ta' proċedura bil-miktub fis-16 ta' April 2021.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar**Strateġija tal-UE għall-kooperazzjoni fl-Indo-Paċifiku**

1. Il-Kunsill iqis li l-UE għandha ssaħħaħ il-fokus strateġiku, il-preżenza u l-azzjonijiet tagħha fl-Indo-Paċifiku bil-għan li tikkontribwixxi għall-istabbiltà, is-sigurtà, il-prosperità u l-iżvilupp sostenibbli tar-reġjun, abbażi tal-promozzjoni tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt internazzjonali.
2. L-UE biħsiebha ssaħħaħ ir-rwol tagħha bħala sieħeb kooperattiv fl-Indo-Paċifiku, u b'hekk tagħti valur miżjud lir-relazzjonijiet mas-sħab kollha tagħha fir-reġjun. L-UE u l-Istati Membri tagħha diġà qed jaħdmu flimkien b'mod komprensiv fir-reġjun, u qed jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-iżvilupp u l-assistenza umanitarja, qed jindirizzaw it-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità u t-tniġġis, qed jikkonkludu ftehimiet ambizzjużi ta' kummerċ ħieles, u qed jikkontribwixxu għar-rispett tad-dritt internazzjonali, inkluż id-drittijiet tal-bniedem u l-libertà ta' navigazzjoni. Il-kooperazzjoni mar-reġjun hija kruċjali biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU. L-UE u l-pajjiżi tal-Indo-Paċifiku jikkondividu wkoll il-kompitu komuni li jindirizzaw l-effetti umani u ekonomiċi devastanti tal-kriżi tal-COVID-19 għal ħafna pajjiżi u l-ħtieġa li jiġi żgurat irkupru soċjoekonomiku sostenibbli u inklużiv u li tittejjeb ir-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa.
3. Madankollu, il-Kunsill jinnota bi tħassib id-dinamika attwali fl-Indo-Paċifiku li wasslet għal kompetizzjoni ġeopolitika intensa li żiedet it-tensjonijiet dejjem akbar fuq il-kummerċ u l-ktajjen ta' provvista kif ukoll foqasma teknoloġiċi, politiċi u ta' sigurtà. L-universalità tad-drittijiet tal-bniedem qed tiġi kkontestata wkoll. Dawn l-iżviluppi qed jheddu dejjem aktar l-istabbiltà u s-sigurtà tar-reġjun u lil hinn minnu, b'impatt dirett fuq l-interessi tal-UE.

4. Il-Kunsill jissottolinja li l-approċċ strateġiku u l-impenn tal-UE mar-reġjun għandhom ikunu bbażati fuq prinċipji b'perspettiva fit-tul, biex b'hekk jikkontribwixxu għall-kapaċità tal-UE li taġixxi bħala attur globali. L-approċċ strateġiku u l-impenn tal-UE għandhom irawmu ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni kif ukoll ambjent miftuħ u ġust għall-kummerċ u l-investment, reċiproċità, it-tisħiħ tar-reżiljenza, l-indirizzar tat-tibdil fil-klima u appoġġ għall-konnettività mal-UE. Għandu jkollhom l-għan li jiżguraw rotot ta' provvista marittimi ħielsa u miftuħa f'konformità sħiħa mad-dritt internazzjonali, b'mod partikolari l-UNCLOS, fl-interess ta' kulħadd. L-impenn tal-UE għandu jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-awtonomija strateġika tagħha u l-kapaċità tagħha li tikkoopera mas-sħab sabiex tissalvagwardja l-valuri u l-interess tagħha.
5. Il-Kunsill jissottolinja li dan l-impenn imġedded għar-reġjun huwa inklużiv għas-sħab kollha li jixtiequ jikkooperaw mal-UE, filwaqt li jibni fuq dokumenti strateġiċi tal-UE dwar ir-reġjun li diġà ġew adottati. L-istrateġija Indo-Paċifika tal-UE hija prammatika, flessibbli u multidimensjonali, u tippermetti lill-UE tadatta u tibni l-kooperazzjoni tagħha skont oqsma ta' politika speċifiċi fejn is-sħab jistgħu jsibu bażi komuni bbażata fuq prinċipji, valuri jew interessi reċiproċi kondiviżi. L-UE ser tapprofondixxi l-impenn tagħha fir-reġjun Indo-Paċifiku, b'mod partikolari ma' dawk is-sħab li diġà ħabbru l-approċċi tagħhom stess lejn l-Indo-Paċifiku.
6. Il-Kunsill jaqbel li l-Istrateġija tal-UE għall-Kooperazzjoni fl-Indo-Paċifiku, li tinkludi ż-żona ġeografika mill-kosta tal-Lvant tal-Afrika sal-Istati Gżejjer tal-Paċifiku, ser tipprovdi impetu ġdid permezz ta':

6.1. *Ħidma mas-sħab tagħna fir-reġjun Indo-Paċifiku:*

- a) L-UE ser issewwi aġenda wiesgħa fir-reġjun biex tikkomunika u tidħol fi djalogi dwar l-istrateġija l-għdida tagħha mas-sħab tagħha fl-Indo-Paċifiku. L-UE ser taħdem ma' pajjiżi terzi għall-benefiċċju reċiproku, inkluż permezz tal-istrument finanzjarju futur tagħha għall-kooperazzjoni internazzjonali u l-inizjattivi konkreti tat-Tim Ewropa fil-livell nazzjonali u dak reġjonali. Hija ser issaħħaħ il-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet multilaterali u reġjonali, kif ukoll ma' partijiet ikkonċernati oħra, mhux l-inqas ma' Stati Gżejjer Żgħir li qed Jiżviluppaw, bl-użu tal-appoġġ tar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE kif ukoll tal-pajjiżi u t-territorji ekstra-Ewropej f'dak ir-rigward. L-UE ser timmira li tippromwovi multilateraliżmu effettiv ibbażat fuq ir-regoli. Hija ser timpenja ruħha b'mod speċjali mal-arkitettura reġjonali mmexxija mill-ASEAN u ser tippromwovi u ssewwi wkoll l-oġettivi tagħha fis-summits bilaterali tagħha u fil-Laqqha bejn l-Asja u l-Ewropa (ASEM). F'dan ir-rigward, l-UE ttenni l-appoġġ tagħha għaċ-ċentralità tal-ASEAN u tistenna b'interess it-tweġġit ambizzjuż tas-Sħubija Strateġika l-għdida tagħha bejn l-UE u l-ASEAN. L-UE ser timmira wkoll li tiffinalizza l-Ftehimiet immodernizzati ta' Sħubija u Kooperazzjoni (FSK) mal-Malasja u t-Tajlandja u li tinneogħja FSK għdid mal-Maldivi.
- b) L-UE ser tiżviluppa approċċ ġenerali koerenti għall-Oċean Indjan abbażi ta' kunċett ta' kooperazzjoni ma' sħab ewlenin kemm fl-Afrika kif ukoll fl-Asja. Il-Komunikazzjoni Konġunta *Lejn Strateġija Komprensiva mal-Afrika*, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Barranin ta' Ġunju 2020 u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2020 dwar l-Afrika jservu bħala bażi tajba għall-prijoritajiet tal-UE fl-Oċean Indjan tal-Punent. L-UE ser tappoġġa s-sħab fl-Indo-Paċifiku fit-tisħiħ tal-governanza reġjonali, il-promozzjoni tal-integrazzjoni u t-tkabbir ekonomiku reġjonali, l-iżgurar tas-sikurezza u s-sigurtà tar-rotot marittimi u tal-avjazzjoni, il-prevenzjoni tat-traffikar, l-indirizzar tal-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-mobbiltà kif ukoll l-iżgurar tal-konservazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali, inkluż ir-riżorsi tal-baħar, speċjalment mal-Organizzazzjoni tal-Pajjiżi tal-Oċean Indjan.

- c) L-UE ser tibni s-sħubija politika tagħha fl-Oċean Paċifiku abbażi tal-Ftehim ta' Sħubija previst mas-sħab tagħha fl-Afrika, fil-Karibew u fil-Paċifiku (AKP) u l-Protokoll tal-Paċifiku tagħha li ser jissostitwixxi l-Ftehim ta' Cotonou, kif ukoll il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika tal-UE mas-sħab tal-Paċifiku. Hija ser iżżid l-impenn politiku u strateġiku tagħha u ser tissorvelja mill-qrib l-iżviluppi ġeopolitiċi fir-reġjun. L-UE ser tkompli tikkoopera f'fora reġjonali inkluż il-Forum tal-Gżejjer tal-Paċifiku, il-Kunsill tal-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Paċifiku u l-Komunità tal-Paċifiku, kif ukoll bilateralment ma' sħab foqasma fejn il-kontribut tagħha jgħib l-akbar impatt. Dan jinkludi l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-kriżi tal-bijodiversità, it-tisħiħ tal-governanza tal-oċeani, l-assistenza għall-irkupru minn diżastri naturali, l-inkoraġġiment tal-kummerċ u l-promozzjoni tas-sigurtà permezz tal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata tranżnazzjonali fuq il-baħar bħall-piraterija, ir-reati ambjentali, iċ-ċiberkriminalità u t-traffikar ta' persuni, armi u drogi.

6.2. *Appoġġ għall-aġenda globali tal-komunità internazzjonali:*

- a) L-UE ser tikkoopera mas-sħab Indo-Paċifiċi fil-ħarsien u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż billi tqajjem il-kwistjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet, filwaqt li tafferma mill-ġdid li d-drittijiet tal-bniedem huma universali, indiviżibbli, interdipendenti u interrelatati. Il-parteciċipazzjoni tas-soċjetà ċivili hija essenzjali biex jinbnew soċjetajiet inklużivi u prosperi. L-UE għandha l-għan li ssaħħa id-djalogu tagħha mal-pajjiżi Indo-Paċifiċi kemm bilateralment kif ukoll f'fora multilaterali sabiex issaħħa dawn il-valuri. Jekk naħdmu flimkien, l-UE u s-sħab Indo-Paċifiċi tal-istess fehma jista' jkollhom impatt akbar fuq l-aġenda globali tad-drittijiet tal-bniedem.
- b) L-UE ser issawwar inizjattivi kooperattivi speċifiċi bħal Alleanzi u Sħubijiet Ekoloġiċi b'appoġġ għall-Ftehim ta' Pariġi u l-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, li jimmiraw lejn għanijiet u standards ambjentali għoljin, il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali, inkluż l-ilma, bidla lejn ekonomiji newtrali għall-klima, nodfa u ċirkolari. Mas-sħab tagħha, l-UE ser tiżviluppa politiki ambizzjużi dwar il-klima u l-bijodiversità u strateġiji fit-tul ta' dekarbonizzazzjoni filwaqt li ssaħħa il-finanzjament sostenibbli. F'konformità mal-Patt Ekoloġiku, l-implimentazzjoni tal-aspetti internazzjonali tal-istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima kif ukoll tal-istrateġija tagħha għall-bijodiversità għall-2030 ser tiffoka fuq dawk is-sħab Indo-Paċifiċi l-aktar fil-bżonn.

- c) L-UE ser tmexxi 'l quddiem l-azzjoni tagħha dwar il-governanza tal-oċeani, b'mod partikolari għall-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar. Dan ser jiġi żgurat permezz tas-sħubija tal-UE u l-parteċipazzjoni attiva tal-UE f'korpi tas-sajd rilevanti, inkluż il-Konvenzjonijiet dwar l-Ibħra Reġjonali u l-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd, u l-ħolqien ta' Sħubijiet dwar is-Sajd Sostenibbli. Dan ser jikkontribwixxi għal governanza mtejba tas-sajd u żvilupp kostali fil-pajjiżi sħab tagħna, inkluż is-sajd fuq skala żgħira, filwaqt li jikkontribwixxi għas-sostenibbiltà tal-ikel tul il-katina tal-valur u billi jindirizza s-Sajd Illegali, Mhux Irrappurtat u Mhux Irregolat (IUU). L-inizjattivi ta' akkumpanjament ser jinkludu l-istabbiliment ta' Żoni tal-Baħar Protetti, li jittrattaw it-tniġġis tal-baħar, l-erożjoni kostali, l-iżvilupp ta' ekonomiji blu sostenibbli u l-promozzjoni tal-osservazzjoni u r-riċerka tal-oċeani.
- d) L-UE ser tkompli l-ħidma tagħha għat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri fl-Indo-Paċifiku biex tnaqqas ir-riskji ta' periklu aggravati mit-tibdil fil-klima u tibni reżiljenza fost komunitajiet vulnerabbli inkluż persuni spostati f'żoni li huma esposti ħafna għal diżastri naturali u diżastri kkawżati mill-bniedem. Il-kooperazzjoni dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni kif ukoll is-servizzi satellitari bħal Copernicus qed tiġi kkunsidrata biex jiġu ffaċilitati dawn l-oġettivi speċifiċi.
- e) L-UE ser tagħti prijorità lis-settur tas-saħħa bħala qasam kruċjali ġdid għall-kooperazzjoni. Il-pandemija tal-COVID-19 uriet l-importanza tal-kooperazzjoni multilaterali f'dan il-qasam ewlieni. L-UE għandha tiżgura ktajjen ta' provvista industrijali relatati mal-farmaċewtika u mas-saħħa li jkunu sikuri u diversi biex ikun hemm aċċess għal mediċini u prodotti tas-saħħa sikuri, effettivi u ta' kwalità. Għandu jkun hemm skambju tal-aħjar prattiki fis-sistemi tas-saħħa, inkluż il-maniġġar ta' kriżijiet u l-politiki dwar il-prevenzjoni ta' pandemiji, ir-reċiproċità fil-ġestjoni tal-ivvjaġġar u l-fruntieri miftuħa kif ukoll kooperazzjoni mill-qrib li twassal għal sistemi tal-ikel aktar ġusti, aktar tajbin għas-saħħa u ekoloġiċi. L-UE qed tappoġġa s-sħab Indo-Paċifiċi, inkluż permezz tal-Faċilità COVAX, il-kollaborazzjoni globali li għandha l-għan li tiżgura aċċess għall-vaċċini kontra l-COVID-19 f'pajjiżi bi dħul baxx u medju. L-iżgurar tal-protezzjoni Konsulari tal-UE għaċ-ċittadini tagħna stess fi żminijiet ta' kriżi ser jibqa' prijorità.

6.3. *Tmexxija 'l quddiem tal-aġenda ekonomika tagħna u protezzjoni tal-ktajjen ta' provvista tagħna:*

- a) L-UE ser tkompli tippromwovi l-interessi, il-prinċipji u l-oġettivi ekonomiċi ewlenin tal-UE inkluż b'rabta mal-iżvilupp sostenibbli lejn l-iżgurar ta' rkupru u tkabbir soċjoekonomiċi b'saħħithom, ibbilanċjati u inklużivi kif ukoll politiki makroekonomiċi sodi, il-bini tal-kapaċità istituzzjonali u l-appoġġ għall-integrazzjoni reġjonali. L-UE ser trawwem djalogu mal-pajjiżi tar-reġjun Indo-Paċifiku li għandhom l-istess fehma billi tfassal strateġiji li jħarsu 'l quddiem u li jtejjbu t-tkabbir għal irkupru reżiljenti u sostenibbli tal-ekonomiji tagħna. Id-diversifikazzjoni tal-ktajjen ta' provvista għandha tikkontribwixxi għar-reżiljenza tal-ekonomija Ewropea, speċjalment għall-ekosistemi industrijali l-aktar sensittivi, u għat-tnaqqis tad-dipendenzi strateġiċi fuq il-materja prima kritika. L-UE ser tikkooopera wkoll mal-pajjiżi Indo-Paċifiċi biex tirriforma d-WTO lejn sistema kummerċjali multilaterali sostenibbli u effettiva.
- b) L-UE ser ikollha bżonn issaħħaħ il-pożizzjoni kummerċjali strateġika tagħha u toħloq kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fl-Indo-Paċifiku, minħabba ftehimiet reġjonali sinifikanti reċenti, bħall-Ftehim Komprensiv u Progressiv għas-Sħubija Trans-Paċifika (CPTPP) u s-Sħubija Ekonomika Reġjonali Komprensiva (RCEP). Hija ser tkompli tesplora u tinneogzja ftehimiet kummerċjali u ta' investiment ambizzjużi fir-reġjun bħal dawk konklużi mal-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea, Singapore u l-Vjetnam. Ser ikollha l-għan li tikkonkludi ftehimiet ta' kummerċ ħieles mal-Awstralja, l-Indoneżja u New Zealand u tieġu passi ulterjuri lejn il-Ftehim Komprensiv dwar l-Investiment maċ-Ċina. L-UE ser tkompli tesplora l-approfondiment tar-relazzjonijiet ekonomiċi mal-Indja. Hija tafferma mill-ġdid l-aġenda ambizzjuża tal-UE dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli u ser isaħħaħ l-isforzi tagħha dwar l-implimentazzjoni ta' dawn il-ftehimiet. L-UE ser tkompli tappoġġa lill-pajjiżi eliġibbli fir-reġjun permezz tal-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi tagħha biex jinqered il-faqar, jiġu stimulati t-tkabbir u l-impjiegi, jiġi promoss ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet tax-xogħol u biex dawn jiġu integrati fi ktajjen ta' valur globali.

6.4. *Twettiq tal-parti tagħna fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża:*

- a) L-UE ser tkompli tiżviluppa sħubijiet u ssaħħa is-sinerġiji ma' sħab tal-istess fehma u organizzazzjonijiet rilevanti fis-sigurtà u d-difiża. Dan ser jinkludi rispons għall-isfidi għas-sigurtà internazzjonali, inkluż is-sigurtà marittima, l-attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi, id-diżinformazzjoni, kif ukoll minn teknoloġiji emerġenti u fixkiela, il-ġlieda kontra u t-titjib tar-reżiljenza għat-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti u t-theddid ibridu, il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-traffikar illeċitu, f'konformità sħiħa mad-dritt internazzjonali. Prijoritajiet oħra għandhom ikunu n-nonproliferazzjoni nukleari, il-kontroll tal-armi u l-kontroll ta' esportazzjonijiet teknoloġiċi b'użu doppju. Il-kooperazzjoni għandha tiżdied fil-qafas tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK permezz ta' ftehimiet dedikati, il-proġett dwar it-*Titjib tal-Kooperazzjoni fis-Sigurtà fl-Asja u mal-Asja* kif ukoll involviment attiv f'fora ewlenin relatati mas-sigurtà fir-reġjun bħall-Forum Reġjonali tal-ASEAN (ARF). L-UE ser timmira wkoll li tikkonkludi Ftehimiet Qafas ġodda ta' Parteċipazzjoni ma' sħab fir-reġjun f'konformità mal-*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Kooperazzjoni Msaħħa tal-UE fis-Sigurtà fl-Asja u mal-Asja* ta' Mejju 2018, li jinkoraġġixxu parteċipazzjoni akbar minn dawn il-pajjiżi f'missjonijiet u operazzjonijiet tal-PSDK.
- b) Fil-qafas ta' mandat imsaħħa u żona estiża tal-operazzjonijiet tal-EUNAVFOR Atalanta, il-Kunsill jilqa' l-kontributi tal-forzi navali tal-pajjiżi sħab Asjatiċi biex jgħinu fil-ġlieda kontra atti ta' piraterija u serq bl-użu ta' armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja u jappella għal aktar eżerċizzji konġunti u waqfiet f'portijiet f'dik iż-żona. Filwaqt li tibni fuq l-esperjenza tagħha ta' protezzjoni ta' rotot marittimi kritiċi fl-Oċean Indjan permezz tal-ġarfien tad-dominju marittimu, l-UE ħadet id-deċiżjoni li testendi l-ambitu ġeografiku tal-attivitajiet tagħha tal-CRIMARIO II mill-Oċean Indjan għan-Nofsinhar u x-Xlokk tal-Asja bil-ħsieb li tikkontribwixxi għal sikurezza akbar tar-rotot tal-baħar ta' komunikazzjoni mal-UE. Hija ser tesplora l-possibbiltà li tiġi replikata l-esperjenza tal-CRIMARIO fin-Nofsinhar tal-Paċifiku.

- c) Ser tivvaluta l-opportunità li tistabbilixxi Żoni ta' Interess Marittimi fl-Indo-Paċifiku, b'kont meħud tat-tagħlimiet meħuda mill-kunċett ta' Preżenzi Marittimi Koordinati u l-ewwel valutazzjoni tiegħu. F'konformità mal-Istrateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-UE u l-Pjan ta' Azzjoni tagħha, l-oġettivi tal-koordinazzjoni tal-preżenzi marittimi tal-UE, abbażi ta' kontributi volontarji mill-Istati Membri, jistgħu jikkonsistu, fost l-oħrajn, fil-kooperazzjoni mal-forzi navali tas-sħab, u fil-bini tal-kapaċitajiet tagħhom fejn rilevanti, fl-istabbiliment ta' monitoraġġ komprensiv tas-sigurtà marittima u l-libertà ta' navigazzjoni, skont id-dritt internazzjonali, b'mod partikolari l-UNCLOS, u fit-teħid ta' azzjoni biex tiġi żgurata s-sigurtà ambjentali fiż-żona. Filwaqt li huwa distint mill-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK, il-kunċett jista' jikkontribwixxi għall-indirizzar tal-isfidi eżistenti għas-sigurtà fir-reġjun. L-Istati Membri jirrikonoxxu l-importanza ta' preżenza navali Ewropea sinifikanti fl-Indo-Paċifiku.

6.5. *Żgurar ta' konnettività ta' kwalità għolja:*

- a) L-UE ser tkompli tmexxi 'l quddiem l-prijoritajiet u l-azzjonijiet ta' konnettività ta' kwalità u sostenibbli tagħha fir-reġjun, b'mod partikolari permezz tal-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri li jikkooperaw b'mod prattiku ma' sħab fuq il-post li jikkondividu l-prinċipji ta' konnettività ta' kwalità u sostenibbli abbażi ta' normi u standards internazzjonali u kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. Għalhekk jeħtieġ li jiġu stabbiliti prijoritajiet ċari li jindirizzaw id-dimensjonijiet kollha tal-konnettività – diġitali, tat-trasport, tal-enerġija, tal-bniedem - li jippromwovu proġetti ta' infrastruttura ta' kwalità konsistenti mal-Prinċipji tal-G20 għall-Investment fl-Infrastruttura ta' Kwalità, u l-ogħla standards ta' trasparenza, u ta' tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Dan għandu jkollu l-għan li jagħti spinta lit-tkabbir ekonomiku u lill-benefiċċji fit-tul f'konformità mal-ħidma li għaddejja maħsuba biex jiġi definit approċċ globali tal-UE għall-konnettività, filwaqt li jiġi inċentivat il-kapital privat u jiġu involuti n-negozji tal-UE, fejn fattibbli bl-użu tal-istrument finanzjarju futur tal-UE għall-kooperazzjoni internazzjonali. Dan kollu jeħtieġ li jieħu kont tal-prijoritajiet stabbiliti fl-eżerċizzju tal-ipprogrammar, inkluż il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli+, u strumenti finanzjarji oħra. Jeħtieġ li ssir komunikazzjoni strateġika biex titjieb il-viżibbiltà tal-impenn tal-UE.

6.6. *Tmexxija 'l quddiem tal-kollaborazzjoni tagħna fil-qasam tar-riċerka, l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni:*

- a) L-UE ser issaħħaħ il-kooperazzjoni dwar l-edukazzjoni għolja, ix-xjenza u t-teknoloġija ma' sħab Indo-Paċifiċi tal-istess fehma, b'mod partikolari permezz ta' Orizzont Ewropa, biex jiġi sfruttat l-għarfien espert teknoloġiku eċċezzjonali fir-reġjun f'teknoloġiji abilitanti essenzjali biex jiġi stimulat it-tkabbir ekoloġiku, inkluż il-manifattura avvanzata, il-materjali avvanzati kif ukoll ix-xjenza tal-ħajja, u t-teknoloġiji nano u tar-riċiklaġġ. Erasmus+ ser jappoġġa l-mobbiltà tal-edukazzjoni għolja u l-attivitajiet tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet. L-UE ser tfittex sinerġiji f'dawn l-oqsma mal-ipprogrammar tal-istrument finanzjarju futur tal-UE għall-kooperazzjoni internazzjonali, bil-għan li tinholq politika Ewropea komprensiva ta' kooperazzjoni reġjonali. L-UE ser tfittex li tiżgura r-reċiproċità u kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni f'konformità mal-Approċċ Globali għar-Riċerka, l-Innovazzjoni, l-Edukazzjoni u ż-Żgħażaġħ. L-UE ser tippromwovi wkoll il-kuntatti bejn il-persuni u ser issaħħaħ il-mobbiltà tal-istudenti tar-riċerkaturi, u tal-persunal.
- b) L-UE ser tinvolvi ruħha ma' sħab tal-istess fehma biex tippromwovi l-governanza diġitali permezz ta' standards globali u approċċi regolatorji aktar ambizzjużi, inkluż dwar l-intelliġenza artifiċjali, f'konformità mad-dritt internazzjonali, inkluż il-valuri u l-prinċipji tal-UE dwar il-privatezza, il-protezzjoni tad-data u s-sigurtà, filwaqt li tappoġġa l-kummerċ miftuħ u l-flussi transkonfinali ta' data. L-UE ser taħdem ma' sħab tal-istess fehma biex tippromwovi s-sigurtà u r-reżiljenza tal-infrastruttura kritika, inkluż is-sigurtà tal-katina ta' provvista tan-networks 5G. Hija għandha tirrikonoxxi l-importanza ta' ċiberspazju globali, miftuħ, liberu, stabbli u sigur għall-prosperità, it-tkabbir, is-sigurtà, il-konnettività u l-integrità kontinwi tas-soċjetajiet liberi u demokratiċi tagħna u tenfasizza l-importanza tal-ħarsien tal-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali fiċ-ċiberspazju. Approċċ koerenti għall-involvement ma' sħab tal-istess fehma fir-reġjun Indo-Paċifiku ser ikun kruċjali biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tad-diġitalizzazzjoni fir-reġjun. B'mod partikolari, jenħtieġ li d-distakk diġitali jitnaqqas permezz ta' investiment f'konnettività diġitali mtejba, li jippromwovi l-konverġenza dwar in-normi u l-valuri.
7. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli biex jippreżentaw Komunikazzjoni Konġunta dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Kooperazzjoni fl-Indo-Paċifiku sa Settembru 2021.